**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Frar, 2002

**Numru 12**

**Avviz. numru 374/01JR**

**Albert u Josephine konjugi Cilia**

**vs**

**Simon u Lilian konjugi Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm168.00) dovuta bhala bilanc skond skrittura datata 5 ta' Dicembru, 2000, annessa ma' l-avviz u mmarkata Dok.A;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 20 ta' Marzu, 2001 kontra l-konvenut.

**Ra r-risposta prezentata fl-4 ta' Lulju, 2001, fejn intqal illi l-ammont mitlub fl-avviz mhux dovut u dana peress illi l-imsemmi ammont gie mnaqqas mill-ammont originali indikat fl-iskrittura, diga` esebita fil-process, peress illi l-istess ammont kien dovut lill-konvenuti mill-atturi, u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u anke skond l-istess dokumenti esebiti mill-istess attur;**

**Illi dan kollu diga` gie spjegat lill-atturi kemm verbalment, kemm bil-miktub, mal-hlas tal-bilanc dovut skond l-iskrittura u anke permezz ta' ittra legali li kopja taghha wkoll hija esebita fil-process;**

**Bl-ispejjes kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' Albert Cilia u Josephine Cilia, Lilian Farrugia u Simon Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' mija u tmienja u sittin lira Maltija dovuta bhala bilanc, skond skrittura, Dok.A4, maghmula quddiem in-Nutar Farrugia bejn il-partijiet, u datata 5 ta' Dicembru, 2000.**

2. **Mhux kontestat l-ammont bilancjali li kien hemm, u lanqas ma hi kontestata l-iskrittura.**

**3. Il-konvenuti pero` qed jghidu li m'ghandhomx ihallsu l-ammont mitlub peress li l-atturi kellhom jaghtuhom l-ammont imsemmi ghall-purtieri li l-konvenuta hadmet ghall-atturi.**

**4. Jirrizulta li l-ammont stabbilit ghall-prezz tal-purtieri qatt ma gie miftiehem mal-atturi, lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi ftehim dwar tpacija ta' l-ammont mal-ammont dovut skond il-ftehim. Fic-cirkostanzi, m'hemmx lok li it-Tribunal jindaga aktar dwar dak li jirrigwarda l-ammont pretiz ghall-purtieri, salv kull dritt tal-konvenuti fir-rigward.**

**5. Dwar il-bilanc pretiz mill-atturi dana jirrizulta pruvat, u ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm168.00), salv u impregudikat kull dritt li jista' jkollhom il-konvenuti fir-rigward tax-xoghol li ghamlu lill-atturi.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**